Il-Ħamis 19 ta' Jannar 2012

31. Jitlob lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward it-temperaturi ta' tkessiħ, abbażi tal-evidenza li temperatura mhux ideali jew ħażina twassal biex l-ikel, qabel ma jiskadi, ma jibqax tajjeb biex jittiekel u tikkawża ħela bla bżonn; jenfasizza l-fatt li l-livelli armonizzati tat-temperatura fil-katina tal-provvista jtejbu l-konservazzjoni tal-prodotti u jnaqqsu l-ħela tal-ikel għal prodotti ttrasportati u kkumerċjalizzati b'mod transkonfinali;

32. Ifakkar fir-riżultati tal-istħarriġ tal-Kummissjoni (L-għoti ta' kapaċità lill-konsumaturi fl-UE - SEC(2011)0469), skont liema stħarriġ 18% taċ-ċittadini Ewropej ma jifhmux it-tikketta 'preferibbilment uża qabel' ('best before'); għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiċċaraw it-tifsira tat-tikketti tad-dati ('preferibbilment uża qabel (best before)', 'data ta' skadenza (expiry date)' u 'uża sa (use by)') sabiex inaqqsu l-inċertezza tal-konsumaturi dwar jekk l-ikel ikunx għadu tajjeb biex jittiekel u jagħtu informazzjoni eżatta lill-pubbliku, b'mod partikolari li d-data tad-durabbiltà minima 'preferibbilment uża qabel' li tirreferi għall-kwalità, filwaqt li l-fraži 'uża sa' hija marbuta mas-sikurezza tal-prodott, ħalli tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet informati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika manwal faċli għall-utent dwar l-użu ta' ikel qrib id-data ta' skadenza tiegħu, filwaqt li tkun żgurata s-sikurezza tad-donazzjonijiet u l-għalf tal-annimali, u tibni fuq l-aħjar prattiki mill-partijiet konċernati fil-katina tal-provvista tal-ikel, sabiex, pereżempju, tlaqqa' l-provvista u d-domanda aktar malajr u b'mod aktar effettiv;

33. Jappella lill-Istati Membri jinkoraġġixxu u jappoġġjaw inizjattivi maħsuba biex jippromwovu l-produzzjoni sostenibbli fuq skala żgħira u medja marbuta mas-swieq u mal-konsum lokali u reġjonali; jagħraf li s-swieq lokali huma sostenibbli mill-perspettiva ambjentali u li dawn jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-settur primarju; jitlob li l-politika agrikola komuni tal-ġejjieni tiżgura finanzjament xieraq għall-promozzjoni tal-istabbiltà fis-settur primarju, pereżempju permezz tal-bejgħ dirett, is-swieq lokali u l-mezzi kollha ta' promozzjoni ta' ikel prodott fl-istess post fejn se jiġi kkonsmat, jew qribu;

34. Jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-produtturi lokali żgħar u l-gruppi ta' produtturi lokali jkunu jistgħu jieħdu sehem f'proċeduri tal-appalt pubbliku għall-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi li jheġġu b'mod partikolari l-konsum tal-frott u tal-prodotti tal-ħalib fl-iskejjel;

35. Iheġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex is-sena 2014, nominata bħala s-Sena Ewropea kontra l-Ħela tal-Ikel, isservi bħala sors importanti ta' informazzjoni u promozzjoni biex titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini Ewropej u biex l-attenzjoni tal-gvernijiet nazzjonali tinġibed lejn din il-kwistjoni importanti bl-għan li jiġu allokati fondi adegwati għall-isfidi li għandhom jiġu ffaċċjati fil-futur qarib;

36. Jitlob lill-President tiegħu jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-alga

P7_TA(2012)0015

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2012 dwar il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-alga

(2013/C 227 E/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistipula li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent għandha tikkontribwixxi għas-s-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, kif ukoll il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-kosti Ewropej kollha (il-Kanal Ingliż, l-Atlantiku, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baltiku, il-Mediterran) hemm fenomeni ta' proliferazzjoni tal-alga marbuta mal-ewtrofikazzjoni tal-ilmijiet kostali jew estwarji,

B. billi dawn il-fenomeni jagħmlu ħsara kbira lill-istat ekoloġiku tajjeb tal-ilmijiet, lis-saħħa pubblika u lid-dinamiżmu ekonomiku tat-territorji kkonċernati,

C. billi jaqbel li tinstab soluzzjoni Ewropea għal dawn il-fenomeni li jmorru lil hinn mill-fruntieri tal-Istati individwali,

1. Jitlob lill-Kummissjoni tfassal pjan ta' azzjoni Ewropew kontra l-proliferazzjoni tal-alga fil-qafas tad-Direttiva 2000/60/KE, ibbażat fuq l-iskambju ta' prattiki tajba u l-kooperazzjoni tal-atturi kkonċernati minn dawn il-fenomeni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tad-19 ta' Jannar 2012 (P7_PV(2012)01-19(ANN1)).

L-istabbiliment tal-Patt tal-Gżejjer bħala inizjattiva Ewropea uffiċjali

P7_TA(2012)0016

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2012 dwar l-istabbiliment tal-Patt tal-Gżejjer bħala inizjattiva Ewropea uffiċjali

(2013/C 227 E/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-gżejjer jiddependu ħafna fuq fjuwils fossili impurtati, bi spejjeż ogħla tal-fjuwil, iżda huma wkoll opportunità għar-riċerka, id-demostrazzjoni u l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u azzjonijiet effiċjenti tal-enerġija,

B. billi l-gżejjer huma vulnerabbli għall-bidla fil-klima minħabba l-livelli għolja tal-bijodiversità u l-ekosistemi fraġli,

C. billi l-enerġiji rinnovabbli huma abbundanti u l-iżvilupp tagħhom jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-iżvantaġġi strutturali permanenti tal-gżejjer, li joffru benefiċċji soċjoekonomiċi lill-abitanti tagħhom,

1. Jawgura lill-komunitajiet u lir-reġjuni periferali li ffirmaw il-Patt bl-għan li jmorru lil hinn mill-objettiv tal-Istrateġija Ewropa 2020, li jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO^2 fit-territorji rispettivi tagħhom b'tal-inqas 20%;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi l-appoġġ tagħha lill-komunitajiet tal-gżejjer Ewropej bl-għan li jiksbu l-objettivi għas-sostennibiltà tal-UE;